MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 128/2010

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina**
**kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom f' Gravina Di Catania, Sqallija, Italja fl-24 ta' Dicembru 1996, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

2. Illi huma kienu ai fini u effetti kollha tal-ligi stabbilew id-domicilju taghhom hawn Malta.

3. Illi fl-4 ta’ Ottubru 1995 kellhom tifla jisimha G.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’ difett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

5. Illi ukoll il-kunsens tal-intimat kien ivvizzjat minhabba eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg, izda ghamel dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi in oltre il-kunsens tal-attrici kien inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-intimat li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u minghajr effett u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti in vista ta’ dak kollu fuq premess, titlob lill-intimat jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet f’ Gravina Di Catania, Sqallija, Italja fl-24 ta’ Dicembru 1996, huwa null u minghajr effett fil-ligi u dan ghar-ragunijiet hawn fuq indikati jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet skond l-artikolu 19 (1) (c), (d) u (f).

2. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra s-sentenza ta’ dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz; u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-24 ta’ Dicembru 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u dak tal-konvenut ukoll fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-Italja fl-24 ta’ Dicembru 1996, meta allura l-attrici, cittadina Maltija kellha 22 sena, u l-konvenut, cittadin Taljan, kellu 26 sena, u meta gja kellhom tifel li kien twieled fl-4 ta’ Ottubru 1995.

Jirrizulta, mhux kontraddett, li kien il-konvenut u niesu li kienu ghamlu pressjoni fuq l-attrici sabiex il-partijiet jizzewgu. L-attrici tispjega li hi kienet bdiet tohrog mal-konvenut f’ Mejju tas-sena 1994 meta dan kien qieghed vaganza f’ Malta. Huwa kien qal lill-attrici li kien sterili u li ma setghax jiggenera tfal, ghalhekk ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu jsiru minghajr prekawzzjoni; izda f’ Dicembru 1994 l-attrici skopriet li kienet harget tqila, u kienet f’ dan l-istadju li l-konvenut beda jinsisti li jizzewgu.

Illi meta zzewgu l-konvenut wera li kien bniedem egojist, dominant u aggressiv fil-konfront ta’ l-attrici li tghid li *“jien u t-tifla dejjem konna ninzammu maghluqin gewwa, u hu mill-banda l-ohra dejjem kien isib xi skuza biex johrog wahdu”.* Sadanittant huma kienu qed jghixu l-Italja. Tghid li lanqas kien ihalliha ccempel lill-genituri taghha, jew li

tinzel Malta biex tarahom. *“L-unika haga li ried kienet li jkollu mara li taqdih u sservih.”* [fol.31].

F’ Jannar 2000 hija telqet mill-Italja bit-tifla, u stabbiliet ruhha f’ Malta, u anke sabet xoghol biex issostni lilha nnifisha u t-tifla; izda l-konvenut nizel ukoll Malta, u s-sitwazzjoni matrimonjali kompliet taggrava, kemm ghax hu ma kienx kapaci jzomm impieg, kif ukoll ghax kien qabad il-vizzju tax-xorb, u kien jinzel Paceville jixrob; kollox bi flus li kienet taqla’ l-attrici.

L-attrici tghid li bil-vizzju tax-xorb zied l-aggressivita’ tieghu, u wkoll l-egojizmu tieghu fis-sens li ried li jsir biss dak li ried hu. Kien jghajjarha, jheddidha u jsawwatha. Sadanittant peress li l-egojizmu tieghu kien manifestat ukoll fir-relazzjonijiet intimi, l-attrici kienet hadet il-prekawzzjonijiet sabiex ma tinqabadx tqila.

Eventwalment l-attrici telqet mid-dar konjugali u marret tghix bit-tifla ghand fid-dar t’ ommha. Wara ftit xhur, il-konvenut telaq minn Malta, u ma semghetx aktar b’ ahbaru.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li mill-komportament tieghu fil-konfront ta’ l-attrici, huwa wera li ma kienx kapaci fiz-zwieg jghix f’ unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Il-karattru dominant, egojist u aggressiv tieghu kien ta’ ostakolu serju sabiex il-partijiet jghixu il-hajja konjugali f’ komunjoni ta’ hajja u mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta’ Dicembru 1996.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------